Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2025/2145(DEC)

28.1.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, Taqsima III – Il-Kummissjoni
(2025/2145(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Raquel García Hermida-Van Der Walle

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur fundatur tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; billi l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza fl-attivitajiet kollha skont l-Artikolu 8 tat-TFUE, filwaqt li tistabbilixxi l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru fil-politiki kollha; billi l-baġits mhumiex newtrali għall-ġeneru u jridu jitfasslu u jitwettqu bl-objettiv tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea mhux biss tistabbilixxi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri iżda tipproteġi wkoll id-dinjità tal-bniedem u tipprojbixxi kull forma ta' diskriminazzjoni, inklużi dawk ibbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali u (l-identità ta') l-ġeneru;

B. billi l-Parlament talab ripetutament lill-Kummissjoni tippromwovi u timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, inkluż l-ibbaġitjar skont il-ġeneru, fil-politiki kollha tal-Unjoni; billi l-ibbaġitjar skont il-ġeneru jrid jintegra perspettiva intersezzjonali;

C. billi l-UE żiedet b'mod sinifikanti l-allokazzjonijiet għall-militarizzazzjoni, inklużi l-armi, l-infrastruttura, ir-riċerka dwar is-sigurtà, il-mobbiltà militari, is-sorveljanza tal-fruntieri u l-esternalizzazzjoni; billi dawn il-bidliet jissograw li jiddevjaw ir-riżorsi mill-ugwaljanza bejn il-ġeneri, mill-koeżjoni soċjali u mill-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

D. billi fl-2025, l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-UE kien ta' 63,4, żieda ta' 10,5 punti mill-2010; billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE fadlilha mill-anqas 50 sena oħra biex tintlaħaq; billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni ntlaqtet b'mod negattiv mill-movimenti dejjem akbar kontra l-ġeneru, is-sessiżmu u xejriet preġudikati b'saħħithom kontra n-nisa u r-rigressjoni fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, speċjalment b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) f'diversi Stati Membri, u billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri qed tiġi affettwata wkoll mill-gwerer u mill-kriżijiet klimatiċi, tal-enerġija, soċjali u tal-għoli tal-ħajja li għaddejjin bħalissa u li jaffettwaw lin-nisa b'mod sproporzjonat;

E. billi mara minn kull tlieta tesperjenza vjolenza; billi, kuljum, 140 mara u tifla madwar id-dinja jinqatlu minn sieħeb jew minn membru tal-familja tagħhom; billi fis-7 ta' Mejju 2024, id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ġiet adottata u daħlet fis-seħħ fl-14 ta' Ġunju 2024; billi l-intolleranza lejn il-persuni LGBTIQ+, speċifikament il-persuni trans, sfortunatament żdiedet b'mod drastiku meta mqabbla mal-2019; billi l-vjolenza u r-reati instigati mill-mibgħeda kontra l-persuni LGBTIQ+ żdiedu meta mqabbla mal-2019; u l-akbar żieda fl-attakki kienu dawk fuq in-nisa u l-irġiel trans; billi l-Programm Daphne, immirat lejn il-protezzjoni tal-vittmi tal-vjolenza, inklużi n-nisa u t-tfal, jirrappreżenta strument kruċjali tal-UE favur il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u r-rispett tad-drittijiet fundamentali, u l-finanzjament u l-appoġġ kontinwi tiegħu għandhom jiġu żgurati fi ħdan il-qafas baġitarju u ta' politika tal-Unjoni;

F. billi l-investiment fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri jsaħħaħ it-tkabbir ekonomiku, ir-reżiljenza u l-koeżjoni soċjali madwar l-UE; billi ekonomija dinamika u kompetittiva teħtieġ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-intraprenditorija u l-innovazzjoni; billi l-politika ekonomika teħtieġ ukoll l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri filwaqt li jiġi żgurat li n-nisa kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod ugwali fl-ekonomija Ewropea; billi l-appoġġ lin-nisa biex jibdew u jmexxu n-negozji tagħhom stess jikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni ekonomika u jnaqqas id-differenzi bejn il-ġeneri fl-aċċess għall-intraprenditorija u għall-pożizzjonijiet ta' tmexxija;

1. Jisħaq fuq il-fatt li perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tiġi integrata u żgurata fl-oqsma ta' politika kollha, b'mod partikolari fid-dawl tal-impatti multipli fuq il-ġeneru ta' kriżijiet klimatiċi, soċjali, tal-enerġija, tal-gwerer u tal-għoli tal-ħajja varji li għaddejjin bħalissa b'enfasi fuq is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u r-rigressjoni fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tad-drittijiet tan-nisa fl-UE; itenni għalhekk l-appell tiegħu biex jiġi implimentat ibbaġitjar skont il-ġeneru fl-istadji rilevanti u xierqa kollha tal-proċess baġitarju; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri mill-bidu nett tat-tfassil tal-programm u tistabbilixxi dispożizzjoni orizzontali dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri b'objettiv ġenerali tal-ugwaljanza;

2. Jirrikonoxxi l-impenn tal-Unjoni favur l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-titjib tal-metodoloġija għat-traċċar tan-nefqa favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jiddispjaċih li l-metodoloġija attwali tal-Kummissjoni ma tirriflettix il-konsegwenzi negattivi potenzjali u tirriżulta f'inċertezza f'20 % tal-każijiet rigward l-impatt fuq il-ġeneri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb l-għodod ta' valutazzjoni tagħha biex tiżgura eżiti aktar ċari u tittraċċa l-impatti negattivi potenzjali; iqis li l-metodoloġija ta' traċċar tista' tiġi kkomplementata bi kriterji minimi obbligatorji bħall-valutazzjonijiet tal-impatti fuq il-ġeneri li għandhom ikunu marbuta mas-sistemi ta' traċċar;

3. Jilqa' l-aġġornament tal-linji gwida u tas-sett ta' għodod għal regolamentazzjoni aħjar. jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' progress fit-twettiq ta' analiżijiet tal-ġeneru fir-rigward tal-ħtiġijiet u tal-impatti għall-programmi ta' finanzjament tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tuża valutazzjonijiet tal-impatt kompetittivi, inklużi analiżijiet sensittivi għall-ġeneru, meta tfassal u timplimenta programmi u strumenti ta' finanzjament tal-UE, biex tiżgura eżiti ta' politika effettivi u ekwi; u jistieden lill-Kummissjoni twettaq dawn l-analiżijiet b'mod konsistenti; jistieden lill-Kummissjoni tintegra bis-sħiħ il-perspettiva tal-ġeneri fil-QFP li jmiss sabiex tinkludi l-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma ta' politika u l-baġits kollha u l-miżuri ta' taffija, u meta jkun rilevanti l-ibbaġitjar skont il-ġeneru bl-objettiv li tavvanza d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

4. Jinnota li l-informazzjoni dwar l-impatt fuq il-ġeneri tal-baġit tal-UE għadha insuffiċjenti; jenfasizza n-nuqqasijiet fil-ġbir, fir-rappurtar u fl-evalwazzjoni manwali tad-data diżaggregata skont il-ġeneru u l-inklużjoni ta' approċċ intersezzjonali; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-kwalità tad-data; Jirrimarka li t-tagħlima ewlenija misluta mill-applikazzjoni tal-metodoloġija pilota kienet il-possibbiltà limitata li jiġu assenjati punteġġi konkreti minħabba nuqqas ta' data meħtieġa; jappella biex id-data kollha tkun komparabbli sabiex tkun utli għat-tfassil tal-politika; jisħaq għalhekk fuq l-importanza tar-rekwiżiti tal-ġbir tad-data biex ikun jista' jsir ġbir komprensiv ta' data diżaggregata skont il-ġeneru fil-kuntest tal-politiki rilevanti kollha tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni

biex dan tittrattah bħala prijorità;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza liema perċentwal tal-baġit tal-UE għandu jappoġġja l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jappella wkoll għal objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fil-leġiżlazzjoni futura kollha, inkluż il-QFP li jmiss.

6. Jistieden lill-Kummissjoni tiddedika perċentwal xieraq tal-baġit totali tal-UE lill-Fergħa tal-Ugwaljanza u d-Drittijiet tal-Programm CERV u l-Programm Daphne; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' linji baġitarji speċifiċi għal miżuri ddedikati għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri; itenni l-appell tiegħu għal linja baġitarja ddedikata għall-programm Daphne biex jiżdiedu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fid-distribuzzjoni tal-fondi; jappella għal qafas ta' finanzjament stabbli biex jiġu żgurati l-effettività u s-sostenibbiltà tal-Programm Daphne ħalli tiġi appoġġjata l-protezzjoni tan-nisa u tat-tfal kontra l-vjolenza; jiddispjaċih dwar il-fużjoni ta' Ewropa Kreattiva u CERV fil-QFP propost peress li dan inaqqas il-viżibbiltà tal-programm Daphne; iħeġġeġ lill-UE tqis il-programm bħala prijorità;

7. Jilqa' d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw malajr id-Direttiva u jistieden lill-Istati Membri jżidu l-għadd ta' postijiet ta' kenn għall-vittmi tal-vjolenza domestika, b'referenza speċifika għall-kwoti stabbiliti fil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, l-hekk imsejħa Konvenzjoni ta' Istanbul (jiġifieri akkomodazzjoni familjali waħda għal kull 10 000 abitant); jisħaq li l-femminiċidju, definit bħala l-qtil relatat mal-ġeneru ta' nisa u bniet, jikkostitwixxi waħda mill-aktar forom estremi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u jirrappreżenta ksur serju tad-drittijiet fundamentali; jikkundanna bil-qawwa n-nuqqas ta' definizzjoni armonizzata u l-inkonsistenzi persistenti fil-ġbir tad-data u r-rappurtar rigward dan ir-reat; jappella għal definizzjoni Ewropea ta' dan ir-reat;

8. Jenfasizza li minħabba ż-żieda fl-intolleranza lejn il-persuni LGBTIQ+, huwa meħtieġ li jiġi allokat baġit suffiċjenti għal miżuri li jiġġieldu l-fobija fil-konfront tal-LGBTIQ+ bħal, fost affarijiet oħra, linji telefoniċi biex jingħataw konsulenza u attenzjoni; jenfasizza l-importanza tar-rikonoxximent sħiħ tan-nisa trans bħala nisa, filwaqt li jinnota li l-inklużjoni tagħhom hija essenzjali għall-effettività ta' kwalunkwe politika favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u kontra l-vjolenza; jappella għar-rikonoxximent tan-nisa trans u għall-aċċess ugwali tagħhom għas-servizzi ta' protezzjoni u appoġġ; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni sħiħa u effettiva tal-persuni LGBTIQ+ kontra d-diskriminazzjoni, il-fastidju u l-vjolenza, inkluż billi jsaħħu l-oqfsa legali nazzjonali, itejbu l-mekkaniżmi ta' rapportar u jiżguraw li r-reati instigati mill-mibegħda jiġu investigati u mħarrka kif xieraq; jistieden ukoll lill-Kunsill ikompli jaħdem fuq id-direttiva tal-UE kontra d-diskriminazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-konformità tal-Istati Membri mal-valuri tal-UE u tniedi proċeduri ta' ksur meta jkun meħtieġ;

9. Ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni fil-linji gwida politiċi tagħha li żżid l-involviment tagħha mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom għarfien espert u rwol importanti fid-difiża ta' kwistjonijiet speċifiċi tas-soċjetà u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; Ifakkar li huwa fundamentali li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, permezz tal-finanzjament tal-UE, ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi "djalogu miftuħ,

trasparenti u strutturat mal-istituzzjonijiet tal-UE" kif minqux fl-Artikolu 11 tat-TUE permezz ta' attivitajiet bħal attivitajiet ta' promozzjoni, dimostrazzjonijiet, jew azzjonijiet ġudizzjarji u dawn għandhom jibqgħu eliġibbli fil-programmi ta' finanzjament rilevanti u jkollhom biżżejjed finanzjament iddedikat disponibbli;

10. Jenfasizza l-importanza li tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku madwar l-Unjoni, inkluż permezz ta' inizjattivi li jrawmu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, l-intraprenditorija u t-tmexxija;

11. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-interrelazzjoni bejn l-attakki fuq l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u r-rigress fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u fid-drittijiet tan-nisa; jenfasizza li l-organizzazzjonijiet indipendenti u b'riżorsi tajbin tad-drittijiet tan-nisa huma atturi indispensabbli fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-avvanz tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u l-protezzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem; jissottolinja li, fil-kuntest tal-influwenza dejjem tikber tal-movimenti kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, definiti bħala movimenti li jfittxu li jimminaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala valur ewlieni tad-demokrazija, u tal-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili, dawn l-organizzazzjonijiet qed jiffaċċjaw sfidi finanzjarji u operazzjonali dejjem akbar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-fondi tal-UE ma jingħataw lill-ebda entità li tikkontribwixxi għar-rigressjoni tad-drittijiet tan-nisa jew għaż-żieda fl-inugwaljanzi, jew li taġixxi kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inklużi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u d-drittijiet tan-nisa għall-integrità fiżika, għall-awtonomija u għall-awtodeterminazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis ix-xenarju ta' finanzjament globali li qed jinbidel u tiżgura li l-mekkaniżmi ta' finanzjament tal-UE jibqgħu aċċessibbli, flessibbli u reattivi għall-ħtiġijiet speċifiċi u r-rekwiżiti ta' sigurtà tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, b'mod partikolari dawk li joperaw f'kuntesti ta' riskju għoli;

12. Itenni li s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) huma drittijiet fundamentali tal-bniedem, u t-twettiq tagħhom huwa aspett fundamentali tad-dinjità tal-bniedem u prerekwiżit biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jappella għal sforz Ewropew b'saħħtu biex jiġu protetti l-valuri fundamentali tagħna bħad-drittijiet ugwali għall-awtonomija fiżika u l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inkluż l-abort sikur u legali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-allokazzjonijiet baġitarji li jappoġġjaw ir-rispett universali għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, inkluż l-abort sikur u legali, u l-aċċess għalihom; jesprimi tħassib serju dwar il-fatt li n-nisa u l-bniet f'żoni ta' kunflitt u gwerer jiġu soġġetti għal vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, pereżempju n-nisa u l-bniet fl-Ukrajna bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja bħalissa; jikkundanna dawn l-atti bħala ksur serju tad-dritt internazzjonali umanitarju u tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti ta' servizzi ta' appoġġ komprensivi għas-superstiti, bħall-appoġġ mediku, is-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, l-appoġġ psikoloġiku u legali, u l-assistenza soċjoekonomika.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li fl-opinjoni tagħha ma inkludiet ebda kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	27.1.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 –: 8 0: 2

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

22	+
PPE	Ewa Kopacz, Verena Mertens, Mirosława Nykiel, Giusi Princi, Maria Walsh
Renew	Abir Al-Sahlani, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Lucia Yar, Dainius Žalimas
S&D	Gabriela Firea, Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Maria Noichl, Joanna Scheuring-Wielgus, Cecilia Strada, Marko Vešligaj
The Left	Hanna Gedin, Irene Montero, Carolina Morace
Verts/ALE	Mélissa Camara, Alexandra Geese, Benedetta Scuderi

8	-
ECR	Chiara Gemma, Beatrice Timgren
NI	Fernand Kartheiser
PfE	Mathilde Androuët, Mireia Borrás Pabón, Elisabeth Dieringer, Margarita de la Pisa Carrión, Anders Vistisen

2	0
NI	Judita Laššáková
PPE	Rosa Estaràs Ferragut

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni